



Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

2016/2006(INI)

8.4.2016

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar l-Evalwazzjoni tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) u dwar l-Attivitajiet tal-Fondazzjoni tal-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS), tal-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG) u tal-Bord tas-Sorveljanza tal-Interess Pubbliku (PIOB) (2016/2006(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Ryszard Czarnecki

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi l-għan ewlieni tal-applikazzjoni tal-istandards internazzjonali tal-kontabilità (IAS) hu li jarmonizza r-rappurtar finanzjarju ta' kumpaniji;
 - B. billi l-kriżi finanzjarja u ekonomika kkawżat il-ħtieġa għal riforma tal-istandards internazzjonali tar-rappurtar finanzjarju (IFRS) lejn aktar trasparenza, governanza aħjar tas-sistemi ekonomiċi u żieda fil-komparabilità;
 - C. billi huwa fundamentali għall-Unjoni li tkun preżenti fid-dibattitu dwar id-definizzjoni tal-istandards internazzjonali tar-rappurtar, kif ukoll fl-istruttura ta' governanza ta' korpi regolatorji internazzjonali tal-kontabilità;
 - D. billi parteċipazzjoni u kooperazzjoni attivi bejn l-atturi fil-proċess tal-istabbiliment u tal-approvazzjoni jippermetti fehim aħjar tal-kosti potenzjali għall-implimentazzjoni ta' kwalunkwe standard ġdid ta' kontabilità u rappurtar;
 - E. billi għażliet ta' politika dwar il-kontabilità jħallu impatt fuq l-isfera pubblika tal-UE u fuq is-sistemi ta' informazzjoni rigward il-finanzi pubbliċi tal-Istati Membri;
1. Jilqa' l-evalwazzjoni mill-Kummissjoni ta' għaxar snin ta' implimentazzjoni tar-"Regolament IAS" fl-Unjoni¹;
 2. Jilqa' l-oġġettivi stabbiliti mill-IFRS, b'mod aktar speċifiku ż-żieda fil-mobilità transkonfinali għall-SMEs, it-tnaqqis tal-frodi fiskali u l-aċċess għall-finanzjament fis-swieq kapitali globali;
 3. Iqis li t-tiżiħ tal-affidabilità, tal-komparabilità u tat-trasparenza tal-informazzjoni finanzjarja huwa oġġettiv globali;
 4. Jirrimarka li l-implimentazzjoni tal-IFRS ikkontribwiet għat-tiżiħ tal-effikaċja, ir-rilevanza u l-kwalità ġenerali tad-data u d-dikjarazzjonijiet finanzjarji, għall-benefiċċju tas-suq uniku u tas-swieq kapitali; jinnota r-rwol ta' koordinazzjoni tal-Awtoritajiet Ewropej tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) f'li jippermettu applikazzjoni konsistenti ta' dawk l-istandards fl-Unjoni kollha;
 5. Jinnota, madankollu, li l-IFRS mhumiex implimentati b'mod sħiħ u mhumiex kompletament approvati mill-Istati Membri, u dan idgħajjed il-potenzjal tal-istandards;
 6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffokaw l-isforzi tagħhom fuq l-implimentazzjoni sħiħa peress li pass bħal dan ikun meħtieġ sabiex jippermetti li sseħħ l-Unjoni tas-Swieq Kapitali u sabiex jikkontribwixxi għal proċessi li jwasslu għal Suq Uniku veru u proprju;

¹ COM (2015)0301, adottat fit-18 ta' Ġunju 2015.

7. Jirrakkomanda li l-Istati Membri josservaw il-linji gwida tal-ESMA biex jiżguraw implimentazzjoni sħiħa u mingħajr xkiel tal-IFRS;
8. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa standard tal-kontabilità simplifikat fl-UE kollha għall-SMEs elenkati fil-Faċilitajiet Multilaterali tan-Negożjar (MTFs), speċjalment fir-rigward ta' swieq tat-tkabbir tal-SME;
9. Jinnota li l-livell għoli ta' kumplessità tal-IFRS jeħtieġ aktar analiżi kostijiet/benefiċċji, valutazzjoni tal-impatt u komunikazzjoni pertinenti tal-eżiti tas-suq kapitali eżistenti, u li l-utenti ta' IFRS trasparenti u simplifikati jkunu jistgħu jifhmu aktar l-informazzjoni finanzjarja u jużawha aħjar; jinnota li jrid jinżamm bilanċ delikat bejn l-iżvelar meħtieġ tad-data u t-tnaqqis tal-burokrazija għall-SMEs;
10. Jenfasizza li, f'dan il-kuntest, l-iskrutinju demokratiku huwa element importanti, u li l-Parlament, il-Kummissjoni u l-Kunsill iridu jkunu involuti fl-iżvilupp tal-istandards ta' rappurtar finanzjarju u fil-proċedura ta' approvazzjoni sabiex jiggarantixxu l-koerenza globali u l-adegwatezza tal-prinċipji tal-kontabilità u tar-rappurtar; iqis li proċedura ta' adozzjoni tibqa' meħtieġa biex tiżgura li l-istandards żviluppatti mill-entità privata jissodisfaw ċerti kriterji u jkunu adatti għall-ekonomija Ewropea qabel isiru leġiżlazzjoni tal-UE;
11. Jinnota, f'dan il-kuntest, li l-Parlament Ewropew għandu jkollu rwol ta' promotur attiv tal-IFRS, peress li teżisti evidenza li l-benefiċċji huma ikbar mill-kosti;
12. Jappoġġja, f'dan il-kuntest, ir-rwol konsultattiv tal-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG) li jiżgura preżenza u influwenza Ewropea fil-proċess tal-istabbiliment ta' standards globali tal-kontabilità u d-diskussjonijiet dwarhom, l-iżvilupp u r-rieżami tagħhom;
13. Jirrimarka li l-implimentazzjoni ta' standards tal-kontabilità u tar-rappurtar standardizzati u simplifikati fl-Unjoni hija rilevanti mhux biss għas-swieq u l-intrapriżi iżda wkoll għall-"għid pubbliku"¹;
14. Huwa tal-fehma li l-impatt tal-IAS u tal-adozzjoni tal-IFRS dwar dikjarazzjonijiet finanzjarji tas-settur pubbliku għandu jiġi kkunsidrat ulterjorment fid-dawl tar-riforma tas-sistemi pubbliċi u tal-gvern ta' kontabilità u rappurtar;
15. Jirrimarka li t-tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni tal-IAS u l-IFRS, partikolarment fir-rigward tat-tiżiħ tal-prinċipji tat-trasparenza u l-komparabilità, għandhom jiġu kkunsidrati fis-settur pubbliku u jservu bħala punt ta' riferiment possibbli għall-Istati Membri tal-UE għall-iżvilupp ta' Standards għall-Kontabilità tas-Settur Pubbliku Ewropew (EPSAS); huwa tal-fehma li, għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha ttipprevedi strateġija u/jew pjan ta' azzjoni;
16. Jemmen, barra minn hekk, li l-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' kontabilità tal-Istati Membri fil-livelli kollha tal-gvern permezz tal-promozzjoni ta' kontabilità abbażi tad-dovuti msejsa fuq standards aċċettabbli tal-kontabilità qed twassal għal aktar trasparenza u komparabilità ta' kontijiet pubbliċi fl-Istati Membri u rappurtar finanzjarju governattiv

¹ Skont ir-rakkomandazzjonijiet ta' Maystadt.

affidabbli; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tkompli ssegwi u tintensifika l-isforzi tagħha fl-Istandards għall-Kontabilità tas-Settur Pubbliku Ewropew;

17. Iqis li, fil-kuntest usa' tar-riformi finanzjarji u fiskali, l-istabiliment ta' strumenti ta' kontabilità u rappurtar imsaħħa, permezz tal-EPSSAS, jistgħu jiffaċilitaw it-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi u l-governanza ekonomika;
18. Jenfasizza li t-titjib tal-kwalità tad-data primarja tal-kontabilità u tar-rappurtar finanzjarju provdut mis-settur pubbliku permezz tal-EPSSAS se jikkontribwixxi għall-iżvilupp u t-teħid tar-responsabilità pubblika, għal finazi pubbliċi sostenibbli b'aktar trasparenza fiskali u b'kontroll baġitarju aktar strinġenti u trasparenti.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	4.4.2016
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 17 -: 2 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Louis Aliot, Inés Ayala Sender, Dennis de Jong, Martina Dlabajová, Ingeborg Gräßle, Verónica Lope Fontagné, Monica Macovei, Dan Nica, Gilles Pargneaux, Georgi Pirinski, Petri Sarvamaa, Claudia Schmidt, Bart Staes, Marco Valli, Derek Vaughan, Anders Primdahl Vistisen, Tomáš Zdechovský
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Marian-Jean Marinescu, Miroslav Poche
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Birgit Collin-Langen, Bodil Valero